MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2014

Numru. 340/2010

**Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**Aaron Mizzi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Aaron Mizzi ta' 29 sena, bin Joseph u Rita nee' Cassar, imwieled Pieta' fis-27 ta' Mejju 1980, residenti fil-fond numru 9, Triq il-Belt Valletta, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 258980(M).

Akkuzat talli:

1. Fil-perjodu ta’ bejn Ottubru 2007 u Dicembru 2008, f’ dawn il-Gzejjer b’ mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’ qerq ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u 37 centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta’ Joseph-Mary Cardona(K.I. numru 207668M);

2. Fl-10 ta’ April 2008 gewwa l-I.D. cards office, Evans Building, Valletta sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz,

3. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi halef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li ghandu s-setgha b’ ligi li jaghti l-gurament, meta l-gurament kien mehtieg mil-ligi.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 4 ta’ Jannar 2013 (esebita a fol. 184 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

- Fl-Artikolu 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fl-Artikolu 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fl-Artikoli 108(1)(a), 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-1 ta’ Marzu 2013, l-imputat iddikjara li m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet it-Trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-18 ta' Dicembru 2008 sar rapport mal-Vice Squad fi hdan il-Pulizija minn certu Joseph Cardona fejn dan allega li madwar sena qabel u cioe' fis-6 t' Ottubru 2007, kien mar l-imputat li kien ilu jafu mindu kienu tfal u dan talbu jselfu erbat elef Lira Maltin ghaliex qallu li kellu johrog xi containers bis-cement mid-Dwana u ma kellux flus sabiex ihallas u weghdu li kien ser ihallsu l-ammont lura fil-bidu ta' Novembru meta jithallas ta' dan ix-xoghol. Cardona silfu dawn il-flus billi tah Lm3000 cash li kellu d-dar u mbaghad marru l-bank flimkien fejn Cardona gibed Lm1,000 ohra u tahomlu u saret skrittura privata[1] bejniethom fejn l-imputat accetta li kien issellef is-somma ta Lm4000 minghand Cardona u li kien ser ihallsu lura fil-bidu ta' Novembru 2007. Wara xi jiem l-imputat rega' avvicina lil Cardona sabiex iselfu Lm500 ohra u fil-fatt hekk sar. Meta xehed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta' Lulju 2010 Joseph Cardona spjega li l-imputat baqa' qatt ma hallsu lura l-ammont lilu misluf u spjega inoltre li l-imputat kien tah il-karta tal-identita' tieghu[2] bhala garanzija li kien ser ihallsu lura. Fil-kors tal-investigazzjonijiet irrizulta lill-Pulizija li l-imputat kien ghamel tliet rapporti u ha tliet guramenti[3] fejn qal li kien tilef l-Identity Card tieghu sabiex imbaghad tinhariglu ohra gdida.

[1] Inserita a fol. 23 tal-atti processwali.
[2] Inserita a fol. 38.
[3] Vide dokumenti nseriti a fol. 58 sa 60

L-imputat fl-iStqarrija rilaxxjata fil-11 ta' Frar 2009[4] qal li huwa kien issellef biss Lm1000 minghand Cardona u huma kienu ffirmaw skrittura f' dan ir-rigward. Huwa qal li xi jiem wara kien rega' ssellef Lm500 u f' dak l-istadju kienet tqatghet l-ewwel skrittura u giet iffirmata wahda gdida. L-imputat sostna li kien ikkonsenja l-karta tal-identita' tieghu lil Cardona wara li dan tal-ahhar kien talabielu u sostna li Cardona kien imbaghad qallu li tilifha u kien ghalhekk li huwa mar jaghmel rapport sabiex tinhariglu karta tal-identita' gdida. L-imputat sostna wkoll li meta huwa mar sabiex ihallas lil Cardona dan beda' jghidlu li kellu jaghtih Lm4,500 minflok Lm1,500 u kien ghal din ir-raguni li huwa ma hallsux.

Ikkunsidrat:

Illi f' dawn il-proceduri l-imputat qed jigi addebitat b' imputazzjonijiet ta' truffa u frodi nnominata kif ukoll bl-ghoti ta' dikjarazzjoni falza lill-awtorita' pubblika u bit-tehid ta' gurament falz.

Illi r-reati ta' truffa u frodi nnominata huma kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. In tema legali gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** li:

[4] Inserita a fol. 19 sa 22 tal-atti processwali.

> **"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija v. Daniel Frendo*, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis*, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis*, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija v. Francesca Caruana*, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer*, App. Krim., 3/3/56)."**

Illi fil-kaz odjern il-Qorti ma jidriliex li jikkonkorru l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex jitqies li jissussistu r-reati ta' truffa jew frodi nnominata kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali ghaliex hawn si tratta sempliciment ta' kwistjoni civili bejn il-partijiet fejn l-imputat issellef ammont ta' flus minghand Cardona taht certu kundizzjonijiet u obbligi u huwa naqas milli jadempixxi ma' dawn il-kundizzjonijiet. Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li saret xi messa in xena jew li gie adoperat xi ngann da parti tal-imputat. L-imputat ghalhekk ma jistax jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-istess haga ma tistax tinghad in kwantu jirrigwarda t-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat ghaliex mill-provi rrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat ghamel rapport falz u ha gurament falz fl-10 t' April 2008 meta ha gurament[5] quddiem Commissionner for Oaths fejn iddikjara li kien tilef il-karta tal-identita' meta fil-fatt huwa kien jaf ben tajjeb li din il-karta tal-identita' ma kienx tilifha izda kien ikkonsenjaha lil Joseph Cardona.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali kwazi nadifa u sejra ghalhekk tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 28A tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-4 ta' Jannar 2013 u senjatament l-Artikoli 17, 188 u 108(1)(a) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax (18) –il xahar prigunerija li b' applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

[5] Ara xhieda ta' Maria Tanti mill-Ufficju Elettorali li xehdet waqt l-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2011 u d-dokumenti minnha esebiti.

B’ applikazzjoni tal-Artikolu 109 tal-Kodici Kriminali l-Qorti qed tordna l-interdizzjoni generali tal-imputat ghall-perjodu ta’ hames (5) snin millum kif ukoll l-interdizzjoni milli huwa jservi bhala xhud u bhala perit.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------